A.L. 215 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 dwar is-Sillabi u/jew il-Programmi ta' Studju għall-Korsijiet li jwasslu għall-Professjonijiet fis-Settur tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2005 dwar is-Sillabi u/jew il-Programmi ta' Studju għall-Korsijiet li jwasslu għall-Professjonijiet fis-Settur tas-Saħħa.

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2003 'il quddiem.

Is-Sillabi u/jew il-Programmi ta' Studju għall-Korsijiet

3. Is-sillabi u/jew il-programmi ta' studju għall-korsijiet li jwasslu għal rikonoxximent li jagħti aċċess għal dawn il-professjonijiet:

(a) Tabib mediku
(b) Dentist
(c) Spiżjar
(d) Infermier; u
(e) Qabla

għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' taħriġ minimi stabbiliti mid-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea jiġifieri:

Tobba Mediċi:	Direttiva 93/16/EEC
Dentisti:	Direttivi 78/687/EEC u 78/686/EEC
Spiżjara:	Direttiva 85/432/EEC
Infermiera:	Direttiva 77/453/EEC
Qwiebel:	Direttiva 80/155/EEC

u ma' kwalunkwe leġislazzjoni Maltija li tirregola l-ħruġ ta' permessi biex il-professjonijiet rilevanti jkunu pprattikati f'Malta.

Tħassir

4. Ir-Regolamenti tas-Sillabi u/jew Programmi ta' Studju għall-Korsijiet li jwasslu għall-Professjonijiet fis-settur tas-Saħħa, 2004, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 268 ta' l-2004, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2003.